# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' April 2002

Citazzjoni numru 2491/99 AJM

Kawza numru

Carmelo Abdilla u martu Michelina Abdilla

Vs

Philip Petroni u ghal kull interess li jista' jkollha Josette Petroni mart l-istess Philip Petroni

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta' Novembru 1999 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenuti huma debituri taghhom fis-sommata' sitta u ghoxrin elf u mitejn u hamsin lira maltin (LM26,250.00) rappresentanti rifuzjoni ta' self maghmul mill-atturi lill-konvenuti, kif jirrizulta mill-iskritturi tas-7 ta' Ottubru 1988, tal-31 ta' Jannar 1989 u tal-25 ta Novembru 1995 oltre l-imghax ta' 8% dekorribbli fuq is-somma ta'LM20,000 mill-1 ta' Marzu 1991 u fuq is-somma ta'LM6,250 mill-25 ta' Novembru 1995; illi l-konvenut ghalkemm

interpellati diversi drabi biex jhallsu xorta wahda ma hallsux l-ammont dovut; illi l-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; illi l-atturi qed jannettu affidavit taghhom u peress ukoll li fil-fehma tal-atturi il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termni ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sitta u ghoxrin elf u mitejn u hamsin lira maltin (LM26,250) rappresentanti rifuzjoni ta' self moghti mill-atturi lill-konvenuti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru 1999 u tal-mandat ta' inibizzjoni il-hrug ta' liema gie mitlub ma' dana l-att, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Jannar 200 meta l-konvenuti nghataw il-fakolta li jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fit-8 ta' Frar 2000 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi skond ma jirrizulta mid-dokumentazzjoni annessi mac-citazzjoni senjatament 'Dok C' il-konvenuti ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-atturi.
2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu 2000 li permezz tieghu giet mahtura Dr Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-assistent gudizzjarju tat-13 ta' Novembru 2000 meta l-attur irriduca t-talba tieghu bis-somma ta' LM6250 billi dan l-ammont ma kienx dovut mill-konvenuti personalment izda minn socjeta' tal-istess konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-fatt li fis-seduta fuq imsemmija l-attur iddikjara li ma kienx fadallu provi anke in vista tal-affidavit ta' Salvino Farrugia presentat fir-registru, u ghalkemm gew iffissati hames seduti ghall-provi tal-konvenut dan qatt ma xhed jew ressaq provi.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Jannar 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal-lum in difett ta' ostakolu wara li l-konvenut rega naqas li jressaq il-provi tieghu u, billi l-konvenuti ma resqu ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u ttrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Li bi skrittura tas-7 ta' Ottubru 1988 u b'ohra tal-31 ta' Jannar 1989 l-attur silef lill-konvenut is-somma komplessiva ta' LM20,000 li kellhom jithallsu lura rispettivament fi zmien tlett xhur u sitt xhur mid-dati tal-istess self bl-imghax ta' 8% fis-sena u bil-kondizzjoni li fil-kaz li ma

jsirx il-hlas lura jigi pubblikat kuntratt li permezz tieghu l-konvenut jiggarantixxi l-hlas b'ipoteka fuq proprjeta' mhux ipotekata.

Ghal dawn l-iskritturi kien hemm diversi prorogi senjatament dik tat-28 ta' Frar 1990 meta l-obbligazzjoni tar-restitutzzjoni tal-ammonti indikati fiz-zewg skritturi giet imgedda sa l-ahhar ta' Lulju 1990. Fit-3 ta' Gunju 1991 l-attur irrilaxxa ircevuta favur il-konvenut ghas-somma ta' LM1,400 rappresentanti l-imghax dovut fuq l-ammonti fuq imsemmija ta' LM20,000 sat-28 ta' Frar 1991.

Illi minn dan jidher li l-kapital misluf bl-imsemmija zewg skritturi qatt ma thallas lura u li fuqu hemm imghax ta' 8% dovut mil-1 ta' Marzu 1991.

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni kwinkwennali a termini ta' l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attur izda ressaq provi konkludenti minn fejn jirrizulta li l-konvenut f'diversi okkazzjonijiet f'dati recenti kien irrikonoxxa d-debitu tieghu u anke li sahansitra fit-2 ta' Gunju 1999 l-istess konvenut kien, flimkien ma iben l-attur, mar ghand Salvino Farrugia sabiex isiru arrangamenti biex jigi pubblikat kuntratt pubbliku in konnessjoni ma dan id-debitu izda dan l-att ma giex ippubblikat billi r-ricerki mehtiega qatt ma gew provduti lin-Nutar.

Illi fi kwalunkwe kaz l-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti skond l-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandha ebda effett jekk il-parti li tecepiha meta jinghata lilha l-gurament ma tistqarx li ma hijiex debitur jew li ma tiftakarx jekk il-haga gietx mhallsa. Illi dan il-gurament qatt ma inghata lill-konvenuti billi dawn qatt ma attendew

ghas-seduti quddiem l-assistent gudizzjarju meta kellhom jressqu l-provi taghhom. Ghalhekk ukoll din l-eccezzjoni ma tistax tigi kunsidrata.

Illi mill-provi prodotti jirrzulta li l-ammonti reklamati huma dovuti.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti stante li t-talba fir-rigward giet ceduta, u billi tichad t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' ghoxrin elf lira maltin (LM20,000.00) bl-imghax ata' 8% mill-1 ta' Marzu 1991.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-kwart u cioe (25%) mill-atturi u kwantu ghall-tlett kwarti (75%) mill-konvenuti.

Onor Imhallef Albert J. Magri